# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 108/2018 PC**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Ritianne Bigeni**

**Illum l-Erbgħa, 13 ta' Frar 2019**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-bank attur, wara li ppremetta:

Illi l-Bank rikorrent kien silef lill-konvenuta s-somma ta' tletin elf liri Maltin (Lm30,000), illum ekwivalenti għal disa' u sittin elf tmien mija u wieħed u tmenin ewro u għoxrin ċenteżmi (€69,881.20), b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru elfejn u sitta (2006) [kuntratt anness u markat 'A']. Din il-facilita' ta' self kienet ġiet mogħtija mill-Bank attur lill-konvenuta għall-iskopijiet ta' akkwist b'xiri ta' proprjeta' fil-Belt Valletta, Malta, in parti u in parti sabiex tagħmel xogħolijiet u tlesti l-istess proprjeta' għall-kiri;

Illi l-bilanċ ta' dan is-self kalkulat bl-imgħax sempliċi sat-12 ta' Diċembru 2018, kien ta' tmienja u ħamsin elf u wieħed u għoxrin ewro u erbgħin ċenteżmi (€58,021.40ċ) kif jirriżulta mir-rendikont anness u markat 'B' u 'C';

Illi inoltre fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju elfejn u sittax (2016), il-Bank attur kien ta b'sef lill-konvenuta faċilita' oħra ta' kreditu fl-ammont ta' sitt elef tliet mija u sitta u tletin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmi (€6,336.28ċ) ;

Illi l-bilanċ ta' dan is-self kalkulat bl-imgħax sempliċi sat-12 ta' Diċembru 2018, kien ta' erbat elef seba' mija u tmienja u sittin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmi (€4,768.51ċ) kif jirriżulta mir-rendikont anness u markat 'D';

Illi l-konvenuta rrendiet ruħha moruża mal-Bank fil-ħlasijiet ta' dan is-self;

Illi l-Bank attur sejjaħ diversi drabi lill-konvenuta sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha mal-Bank dwar il-ħlas lura ta' dan is-self, iżda nonostante dawn l-interpellazzjonijiet hi baqgħet inadempjenti;

Illi d-dejn totali sat-tnax (12) ta' Diċembru 2018, kien jammonta għal erba' u sittin elf tliet mija u sebgħa u ħamsin ewro u tmienja u sittin ċenteżmi (€64,357.68ċ);

Illi dan id-dejn huwa wieħed ċert, likwidu, u dovut, u l-konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet validi x'iġġib kontra din it-t-talba għall-ħlas lura tal-bilanċi msemmija;

Talab lill-konvenuta tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

(i) Tiddisponi mit-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12;

(ii) Tiddikjara lill-Bank attur kreditur tal-konvenut fis-somma komplessiva ta' erba' u sittin elf tliet mija u sebgħa u ħamsin ewro u tmienja u sittin ċenteżmi (€64,357.68ċ);

(iii) Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-Bank attur l-ammont kollu dikjarat dovut, bl-imgħax ulterjuri mit-13 ta' Diċembru 2018 sa l-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta nklużi tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Mejju 2018 u tal-ittra uffiċċjali numru 2321/2018 tat-2 ta' Lulju 2018, u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed tiġi mħarrka.

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors ġuramentat.

Innutat li minkejja l-konvenuta ġiet debitament notifikata b'dan ir-rikors u l-avviż tas-smiegħ fl-għaxra (10) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019), għażlet li tibqa' kontumaċi.

Rat il-verbal tax-xhieda tar-rappreżentant tal-Bank of Valletta, Saviour sive Alvin Scicluna li xehed fl-ewwel (1) ta' Frar elfejn u dsatax (2019), fejn iddikjara li l-ammont li għadu dovut mill-konvenuta huwa ta' erbgħa u ħamsin elf tlett mija u ħamsa u sebgħin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€54,375.21ċ).

Rat ukoll in-nota tal-lum tal-istess konvenuta Ritianne Bigeni illi permezz tagħha tammetti t-talba fl-ammont dovut lill-bank u ddikjarat mill-istess Saviour sive Alvin Scicluna u ċioe' ta' erbgħa u ħamsin elf tlett mija u ħamsa u sebgħin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€54,375.21ċ).

Il-Qorti għalhekk u in vista' ta' din l-ammissjoni tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenuta Ritianne Bigeni tħallas l-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf tlett mija u ħamsa u sebgħin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€54,375.21ċ), lill-bank attur, bl-imgħaxijiet ulterjuri b'effett mill-ewwel (1) ta' Frar elfejn u dsatax (2019) u l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Mejju 2018 u tal-ittra uffiċċjali numru 2321/2018 tat-2 ta' Lulju 2018, u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma din il-kawża, u dana kollox kontra l-konvenuta.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

13.02.2019 – Sup108.2018 – Bank of Valletta vs Bigeni Ritianne
654